# Il-Parroċċa ta' San Ġużepp, fil-Kalkara

## minn Tony Terribile

Għalkemm il-Kalkara mhux Parroċċa qadima wisq, bħala subborg kellha minn dejjem l-importanza tagħha, billi tinsab qrib ħafna l-Port il-Kbir u l-ibliet tal-Kottonera.

Dan nistgħu ngħiduh għax fiha jeżistu fortifikazzjonijiet importanti bħalma huma t-trunċieri ta' Wied Għammieq, mibnijin mill-Gran Mastru De Redin, il-Forti Rikażli, il-Forti tas-Salvatur u Villa Bighi. Iżda matul żmien l-Ingliżi, il-Kalkara kibret u nfirxet ħafna.

Minn dejjem dawn l-inħawi kienu jagħmlu parti mill-Parroċċa ta' San Lawrenz tal-Birgu u l-Knisja tas-Salvatur kienet taqdi lill-ewwel abitanti tal-Kalkara.

Din il-Knisja tas-Salvatur kienet qadima sew, tant li fl-Assedju ta' l-1565 kienet sofriet xi ħsarat. Iżda l-Prijur Giovanni Bighi kien bniha mill-ġdid fl-1650 skond pjanta ta' Lorenzo Gafà.

Meta n-nies tal-Kalkara żdiedet sew, beda jinħass il-bżonn ta' knisja ġdida. Dan il-bżonn beda aktar jinħass lejn tmiem is-seklu l-ieħor u f'Ġunju 1890 tpoġġiet l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida li kellha titla'. Il-pjanta kienet tal-perit W. Attard, li kien inġinier ma' l-Ammiraljat.

Benefattur kbir ta' din il-knisja kien il-Kanonku Prmiċerju ta' Bormla, Dun Ġużepp Azzopardi, li ħareġ somma kbira ta' flus għal dan il-għan.

Ix-xogħol tlesta lejn tmiem is-seklu Dsatax u l-Arċisqof Pietro Pace iddikjara l-Kalkara bħala Parroċċa taħt il-ħarsien ta' San Ġużepp, b'Dun Ġużepp Ciangura, bħala l-ewwel kappillan tagħha. L-Arċisqof Mauro Caruana kkonsagra solennament din il-knisja parrokkjali nhar it-30 ta' Jannar, 1921.

Mal-mixja tas-snin il-Knisja ġiet imżejna b'bosta opri sbieħ, iżda fl-agħar żmenijiet tal-gwerra din il-knisja ġġarrfet. Waqt attakk li sar fuq il-Kottonera fl-10 ta' April, 1942 il-Knisja ntlaqtet sew.

In-nies tal-Kalkara tbikkmet quddiem din it-traġedja. Għaliex il-knisja, mibnija u mgħammra b'tant sagrifiċċji, kienet intilfet għal kollox. Il-Parroċċa ġiet trasferita għall-Knisja l-Qadima tas-Salvatur sakemm fil-bidu tas-snin Ħamsin ġew meħudin żewġ imħażen kbar fix-Xatt, li ġew mibdulin bħal knisja parrokkjali.

Wara s-snin tal-gwerra n-nies tal-Kalkara bdiet taħseb għall-bini ta' knisja ġdida. Għal dan l-iskop il-poplu tal-Kalkara sab benefattur kbir ħafna fil-persuna ta' l-Arċisqof Monsinjur Mikiel Gonzi li kellu mħabba u rabta speċjali ma' dan il-post, billi għadda tfulitu l-Kalkara.

L-ewwel ħaġa li saret – u li fuqha qabel kulħadd – kienet għażla ta' post aktar ċentrali għall-knisja. Il-post magħżul kien il-bajja tal-Kalkara. L-Arċisqof Gonzi xtara l-art u rregalha lill-Knisja.

Nhar il-Ħadd, 30 ta' Ottubru, 1946 l-Arċisqof Gonzi bierek l-Ewwel ġebla ta' din il-Knisja, fost il-ferħ tan-nies tal-Kalkara u ta' l-istess Arċisqof Gonzi.

Fil-pjanta ta' din il-knisja ħadmu ħafna l-Kavallier Ġużè D'Amato u l-Kavallier Vincenzo Bonello.

Matul is-snin li kienet tiela' l-knisja, l-Arċisqof Gonzi kien jnteressa ruħu u kien iżur il-Kalkara jara u japprezza x-xogħol tal-ħaddiema.

Ix-xogħol mexa b'ritmu mgħaġġel u fis-7 ta' Settembru, 1952 l-Arċisqof Gonzi bierek u inawgura l-knisja l-ġdida ta' San Ġużepp.

Kienet knisja kbira u moderna għal dawk iż-żmenijiet. Hekk, il-poplu tal-Kalkara issa kellu l-knisja ġdida. Iżda l-koppla kienet għadha mhux lesta. In-nies tal-Kalkara ma qatgħux qalbhom u ħadmu fuq dan il-proġett sa ma nhar it-30 ta' Ġunju 1962 il-koppla l-ġdida ġiet inawgurata.

Kif rajna, f'inqas minn mitt sena n-nies tal-Kalkara kellhom jibnu żewġ knejjes parrokkjali. Għalhekk ħafna mill-flus u l-enerġija tan-nies ġew dedikati għal dan l-iskop. B'danakollu nsibu xi affarijiet sbieħ li xieraq li nsemmuhom.

Il-kwadru titulari li jirrappreżenta lil San Ġużepp Padrun tal-Knisja, li kien it-titular tal-knisja l-qadima, hu xogħol sabiħ ta' Ġużeppi Calì li pitter ukoll il-kwadru tar-Ragħaj it-Tajjeb li darba kien it-titular tal-kappella ta' l-Isptar Bighi.

Kwadru ieħor sabiħ jinsab fis-sagristija u dan jirrappreżenta lill-Arċisqof Gonzi, benefattur kbir ta' din il-knisja. Dan il-kwadru hu xogħol il-pittur Emvin Cremona. B'tifkira ta' l-Arċisqof Gonzi hu wkoll il-kwadru u l-artal ta' San Mikiel li nsibu f'din il-knisja.

L-istatwa titulari ta' San Ġużepp hi ta' l-injam u nħadmet f'Bolzano.

briffa
RENT
A VIDEO
KALKARA
3 FOR Lm 1